**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 06/2019**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Nicholas Vella**

Il-Qorti,

**1** Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fit-Tlett Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża bin-numru 6 ta'l-2019 kontra Nicholas Vella detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 181486(M)akkużat talli:

i. kellu fil-pussess tiegħu kemm ir-raża kif ukoll il-*cannabis grass* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa

mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

ii. żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju għal dan il-għan skont l-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Nicholas Vella ppreżentata fil-31 ta' Lulju 2019 fejn eċċepixxa:

a. Illi l-att tal-akkuża huwa null stante illi f'diversi bnadi tal-parti narrativa tad-diversi kapi, jiġu attribwiti lill-akkużat fatti illi ma jirriżultawx mill-atti proċesswali iżda huma biss frott kongetturi.

b. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, il-proċeduri fl-ismijiet premessi huma nulli peress li difettużi stante illi d-droga misjuba u analiżżata mill-ixjenzat Dr. Godwin Sammut saret f'laboratorju mhux akkreditat.

c. Illi sussidjarjament u mingħajr pregudizzju, l-istqarrija tal-akkużat datata 28 ta' Ġunju tas-sena 2016 u kull referenza għaliha jew kwalunkwe dikjarazzjoni illi l-akkużat għamel mal-Uffiċjali tal-Pulizija senjatament fix-xhieda tiegħu mill-Ispettur Frank Tabone u ta' Uffiċjali oħra tal-Pulizija għandhom jiġu sfilzati mill-inkartament kriminali stante illi l-akkużat ma kellhux il-fakulta' illi jkollu lill-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti qabel ma rrilaxxa tali stqarrija jew għamel ċertu dikjarazzjonijiet.

d. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, l-istqarrija tax-xhud Nigel Micallef datata 28 ta' Ġunju tas-sena 2016 u kull referenza għaliha għandha tiġi sfilzata mill-inkartament kriminali stante illi x-xhud ma kellux il-fakulta illi jkollu lill-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti qabel ma rrilaxxa tali stqarrija jew għamel ċertu dikjarazzjonijiet.

**3**.Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-09 ta' April 2024 li permezz tagħha l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet mressqa mill-akkużat Nicholas Vella kienu miċħuda.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Nicholas Ellul fit-03 ta' April 2024 fejn huwa talab lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u b'hekk tordna illi l-atti jiġu rinvijati lura għal ġudizzju mill-ġdid quddiem il-Qorti Kriminali.

**5**. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali fejn huwa issottmetta li l-aggravju imressaq mill-appellant għandu jkun miċħud filwaqt li *in subsidium* talab lil Qorti tieħu dawk il-miżuri opportuni kif naxxenti mill-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 520(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan salv kull provvediment ieħor opportun fiċ-ċirkostanzi.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**7.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi l-uniku aggravju li jqanqal l-appellant Nicholas Vella ma huwiex marbut mal-parti deċiżorja tas-sentenza appellata fejn l-eċċezzjonijiet preliminari minnu sollevati kienu kollha miċħuda. L-appellant, iżda, jissolleva il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata għar-raġuni illi d-data indikata fis-sentenza mhijiex id-data li fiha effettivament kienet prolatata s-sentenza appellata meta din inqrat fil-Qorti bil-miftuħ.

**9**. Illi l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali minn fejn jemerġi illi:

> * Nhar it-8 ta' Frar 2024 il-kawża ġiet differita għad-9 t'April 2024 għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet

tiegħu, u dan hekk kif jirriżulta mill-verbal tal-istess seduta a fol. 159 tal-atti proċesswali;

* Sussegwentement il-kawża ġiet imqiegħda fuq il-lista tal-kawżi li kellhom jinstemgħu nhar is-26 ta' Marzu 2024 u dan hekk jirriżulta mill-avviż li jinsab a fol. 160 tal-atti proċesswali, għalkemm digriet mill-Qorti Kriminali fejn din ordnat li l-kawża tkun rikjamata għal data iktar fil-viċin ma jidhirx li hemm;

* Fil-verbal, li jinsab a fol. 161 tal-atti proċesswali, tas-seduta ta' nhar is-26 ta' Marzu 2024 jidher illi l-Qorti Kriminali ppronunzjat ruħha fuq l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat meta ngħatat is-sentenza fir-rigward ta'l-istess;

* Illi fl-atti proċesswali, a fols 162. *et seq.*, madanakollu, hemm inserita s-sentenza stampata li ġġib id-data tad-9 ta' April 2024;

**10**. L-appellant qiegħed jikkontendi għalhekk illi s-sentenza hija nulla, u l-każ għandu jinstema' mill-ġdid, billi d-data riflessa fuq is-sentenza li hemm fl-atti ma hijiex id-data meta is-sentenza nqrat fil-qorti bil-miftuħ, bl-Avukat Ġenerali iżda jsostni li dan ma jwassalx għan-nullita' tas-sentenza appellata hekk li huwa ndubitat illi l-imsemmija sentenza ġiet mogħtija nhar is-26 ta' Marzu 2024, kif ukoll jitlob lil din il-Qorti sabiex tieħu l-mizuri opportuni biex l-iżball ikun rettifikat fit-termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reż applikabli għal proċeduri penali permezz tal-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

**11**. Illi jibda biex ikun osservat illi kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta'l-appell u r-risposta rispettivament, ukoll jagħmlu żball meta jindikaw illi s-sentenza appellata ngħatat fis-26 ta' April 2024 u mhux fis-26 ta' Marzu 2024, biex b'hekk jidher illi d-data meta kienet prolatata s-sentenza mhux biss hija indikata erronjament fuq is-sentenza appellata, iżda hija saħansitra indikata erronjament ukoll kemm fl-aggravju sollevat mill-appellant fir-rikors ta'l-appell, kif ukoll fir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali għal dan l-appell.

**12**. Issa l-artikolu 520(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jrendi applikabbli, fost oħrajn, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Civili għal proċeduri kriminali u dan *mutatis mutandis*. Illi dan l-artikolu tal-liġi kien reż applikabbli għal qrati tal-ġustizzja kriminali permezz tal-Att XXII tal-2005. Il-parti relevanti ta'l-artikolu 175 tal-Kap.12 għal lanjanza imqanqla, tinsab fis-sub-inċiż (2) tiegħu li jiddisponi illi:

> **Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata**.
>
> **Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu.**

**13**. Id-dispożizzjoni appena ċitata, għalhekk, kjarament tippermetti lil din il-Qorti tawtorizża li jissewwa kull żball fis-sentenza appellata inkluż id-data ta'l-istess, sabiex b'hekk ma tirriżultax in-nullita' lamentata. Rigward il-korrezzjoni ta' tali żball il-ligi ma għamlet ebda limitazzjoni bħal ma għamlet fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu, fis-sens t-tibdil ma għandux ikun tali li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. Fi kwalunkwe każ, tali limitazzjoni ma hijiex applikabbli għat-tibdil permess f'din l-istanza peress li tali tibdil ma jinċidix la fuq l-azzjoni u wisq anqas fuq l-eċċezzjonijiet imqanqla, minn liema eċċezzjonijiet l-appellant *del resto* ma jressaq ebda appell.

**14**. Illi għalkemm l-appellant jiċċita diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sede inferjuri tagħha, fejn allura ir-rekwiżiti essenzjali li għandu jkun fiha is-sentenza appellata quddiem dik il-Qorti, u allura sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, huma regolati bl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, din id-dispożizzjoni tal-

liġi ma hijiex applikabbli għal sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali u kwindi l-argumenti imqanqla mill-appellant fl-aggravju tiegħu mal-ewwel ifallu.

**14.** Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, kif ġustament isostni l-Avukat Ġenerali, isib applikazzjoni l-artikolu 175(2) tal-Kap.12, hawn fuq iċċitat, applikabbli għal dawn il-proċeduri penali, li permezz tiegħu din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni għandha is-setgħa li tikkoreġi tali żball u dan meta tiġi biex tiddisponi minn dan l-appell. Dan sabiex ikun hemm ekonomija fil-ġudizzju u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, għan li l-leġislatur fittex illi jilħaq permezz tal-promulgazzjoni ta'l-artikolu 175 hawn fuq iċċitat, u ukoll meta dan kien reż applikabbli fil-kamp penali.

**15**. Illi huwa evidenti minn eżami tal-atti proċesswali illi meta l-Qorti Kriminali irrikjamat il-kawża għas-seduta tas-26 ta' Marzu 2024, sabiex tkun prolatata is-sentenza minflok fid-data oriġinarjament skedata għal dan il-għan, hija ma ħaditx ħsieb tbiddel id-data fuq is-sentenza sabiex b'hekk din baqgħet taqra id-09 ta' April 2024. Evidentement dan kien żball *lapsus kalami* li ma għandux jaffettwa l-prosegwiment tas-smigħ tal-każ. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tirriskontra in-nullita' lamentata u ser tgħaddi biex, bis-setgħa mogħtija lilha bil-liġi, tirrettifika dan l-iżball.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi, filwaqt li tordna li ssir korrezzjoni fid-data tas-sentenza appellata billi din għandha taqra is-26 ta' Marzu 2024 minflok id-09 ta' April 2024, u dan in linja mal-verbal tal-Qorti Kriminali tal-jum meta is-sentenza inqrat fil-qorti bil-miftuħ, tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Nicholas Vella.**

**Tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali għal prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**